

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 606/2012

tal-4 ta' Lulju 2012

li jipprobbixxi attivitajiet tas-sajd bin-nases u tal-bastimenti tas-sajd bil-konz li jtajru l-bandiera tal-Italja jew huma rreġistrati fiha, u li jkunu qed jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant mill-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 36, il-paragrafu 2 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa għall-2012 l-oportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastiment tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali, jiffissa l-ammont ta' tonn li jista' jsir sajd għalih fl-2012 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jstabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007⁽²⁾, jeħtieġ li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-kwota individwali allokata lill-bastimenti tagħhom b'tul ta' iktar minn 24 metru, u għal bastimenti b'tul ta' inqas minn 24 metru u għal nases, talanqas dwar il-kwota allokata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew gruppi ta' bastimenti li jistadu b'irkaptu simili.
- (3) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija mfassla b'tali mod li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd permezz tal-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin abbażi tal-approċċ ta' prekawzjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 36, il-paragrafu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, fejn il-Kummissjoni ssib li, abbażi tat-tagħrif li jingħata mill-Istati Membri jew ta' tagħrif rilevanti ieħor fil-pussess tagħha, l-oportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni Ewropea, għal Stat Membru jew għal grupp ta' Stati Membri jitqiesu li ntużaw kollha għal irkaptu wieħed jew iktar jew għal flotta waħda jew aktar, hija għandha tgħarraf lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan u għandha tipprobbixxi l-attivitajiet tas-sajd għaż-żona rispettiva, għall-irkaptu, għall-istokk, għall-grupp tal-istokkijiet jew għall-flotta involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi.
- (5) Mit-tagħrif li għandha l-Kummissjoni jidher li l-oportunitajiet tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran allokati lin-nases u l-bastimenti tas-sajd bil-konz li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li jkunu rreġistrati fiha qed jitqiesu li jkunu eżawriti.
- (6) Fl-20 ta' Ġunju 2012 l-Italja għarrfet lill-Kummissjoni bil-fatt li hija kienet imponiet waqfien tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tagħha li jistadu bin-nases u bil-konz attivi fis-sajd tat-tonn tal-2012, b'seħħ mill-20 ta' Ġunju fis-13.00 għall-bastimenti tas-sajd bil-konz u b'seħħ mit-22 ta' Ġunju fil-17.00 għan-nases.
- (7) Mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet li ttieħdu mill-Italja msemmija hawn fuq, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tikkonferma l-projbizzjoni tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W u fil-Baħar Mediterran mill-20 ta' Ġunju 2012 fis-13.00 għall-bastimenti tas-sajd bil-konz li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha u mit-22 ta' Ġunju 2012 fil-17.00 għan-nases irreġistrati fl-Italja.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W, u fil-Baħar Mediterran mill-bastimenti tas-sajd bil-konz u li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha għandu jiġi pprojbit mill-20 ta' Ġunju 2012 fis-13:00.

Minn dik id-data għandu jiġi pprojbit ukoll li stokk ta' dan it-tip maqbud minn dawk il-bastimenti tas-sajd jinżamm abbord, jitqiegħed f'gagēg għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi ttrażbordat, ittrasferit jew jinħatt l-art.

Artikolu 2

Is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45° W u fil-Baħar Mediterran min-nases li huma rreġistrati fl-Italja għandu jiġi pprojbit mit-22 ta' Ġunju 2012 fil-17:00.

Minn dik id-data għandu jiġi pprojbit ukoll li stokk ta' dan it-tip maqbud minn dawk in-nases jinżamm abbord, jitqiegħed f'gagēg għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi ttrażbordat, ittrasferit jew jinħatt l-art.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(2) ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
László ANDOR
Membru tal-Kummissjoni
